MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 767/2013

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Globino Limited u Joseph Mifsud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-8 ta’ Awissu 2013 u li permezz tieghu l-Bank of Valletta plc talab il-hlas ta’ sitta u erbghin elf hames mija u seba’ u tmenin ewro (€46,587), bilanc minn somma akbar ghad-debitu fl-Overdraft Account tal-kumpannija Globino Limited mal-Bank of Valletta plc flimkien ma’ imghax ulterjuri mid-29 ta’ Gunju

2013 sad-data tal-effettiv pagament. Il-bank ippremetta li b'kuntratt tat-30 ta' Jannar 1991 pubblikat min-nutar Dr Mario Bugeja, Globino Limited inghatat facilitajiet bankarji. Inoltre, b'kuntratt tat-30 ta' Jannar 1991 maghmula fl-atti tan-nutar Dr Mario Bugeja u skrittura tas-16 ta' Mejju 1990, il-konvenut Joseph Mifsud iggarantixxa in solidum id-dejn ta' Globino Limited sal-valur fuq imsemmi.

Rat in-nota li pprezenta l-bank waqt is-seduta tal-lum u li permezz taghha rriduca t-talba ghal sitta u tletin elf sitt mija u sitta u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€36,686.76).

Rat li l-konvenuti gew notifikati u huma kontumaci.

Semghet lil Rose Cortis, ufficjal tal-bank attur tixhed bil-gurament.

Peress li mill-atti u deposizzjoni ta' Rose Cortis jirrizulta li t-talbiet attrici huma gustifikati**, tilqa' t-talbiet u tikkundanna lill-konvenuti flimkien u *in solidum* sabiex ihallsu lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' sitta u tletin elf sitt mija u sitta u tmenin ewro u sitta u sebghin centezmu (€36,686.76) flimkien mal-imghax mis-17 ta' Jannar 2014 sad-data tal-hlas.**

**Spejjez kollha a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------